**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 78**
**L-Erbgħa, 18 ta' Jannar, 2023 fl-4:00 p.m.**

**RESIDENZI PRIVATI – SKEMI BIEX JIĠU RRANĠATI**

**4213. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il kuntratt sar għall-iskema fejn jiġu rranġati residenzi privati u offruti għal skop ta' housing soċjali mill-2019 sal-ġurnata li tiġi mwieġba din id-domanda?

21/11/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-2019 sal-lum* l-Awtorità tad-Djar approvat 18-il applikazzjoni ta' din ix-xorta permezz tal-iskema Restawr ta' Djar Battala.
*sas-16 ta' Jannar 2023

Seduta 78
18/01/2023

**AWTORITÀ TAD-DJAR – SKEMA NIKRU BIEX NASSISTU – NUMRU TA' APPLIKAZZJONIJIET**

**4214. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il applikazzjoni daħlet għall-iskema "Nikru biex Nassistu" fis-snin 2019, 2020, 2021 u 2022? F'liema lokalitajiet jinsabu u jekk sarux kuntratti?

21/11/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 78
18/01/2023

**AWTORITÀ TAD-DJAR – SKEMA NIKRU BIEX NASSISTU – LIFT MHUX PROVDUT**

**4215. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Awtorità tad-Djar krietx appartamenti mis-settur privat fl-iskema "Nikru biex Nassistu", li ma jkunx provdut lift fil-komun matul is-snin 2020, 2021 u 2022? Jista' jgħid kemm-il appartament inkera sena b'sena u l-lokalità?

21/11/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Awtorità tad-Djar kriet 41 appartament li jinsabu f'binja mingħajr lift kif indikat fit-tabella segwenti.

| Lokalità | 2020 | 2021 | 2022 |
|---|---|---|---|
| Birżebbuġa | 2 | 0 | 0 |
| Għajnsielem Għawdex | 2 | 0 | 0 |
| Mellieħa | 0 | 1 | 0 |
| Munxar Għawdex (inc Xlendi) | 4 | 0 | 0 |
| Naxxar | 0 | 0 | 1 |
| Qala Għawdex | 2 | 0 | 0 |
| Qormi | 0 | 2 | 1 |
| Rabat | 1 | 0 | 0 |
| San Ġwann | 0 | 0 | 1 |
| Santa Venera | 0 | 6 | 0 |
| Siġġiewi | 1 | 0 | 0 |
| Wied il-Għajn | 2 | 4 | 2 |
| Xagħra Għawdex | 1 | 0 | 0 |
| Xgħajra | 1 | 0 | 0 |
| Żebbuġ | 0 | 0 | 1 |
| Żebbuġ Għawdex (inc Marsalforn) | 5 | 0 | 0 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Żurrieq | 0 | 0 | 1 |
| Total : | 21 | 13 | 7 |

Seduta 78
18/01/2023

**AKKOMODAZZJONI SOĊJALI**

**4216. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il akkomodazzjoni soċjali ngħatat minn Ottubru 2021 sa Marzu 2022 u minn April 2022 sal-ġurnata li tiġi mwieġba din id-domanda?

21/11/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta 78
18/01/2023

**INKWILINI RIKONOXXUTI**

**4217. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm inbiegħu postijiet lill-inkwilini rikonoxxuti u li l-Gvern huwa s-sid tagħhom fis-snin 2021 u 2022? Jista' jgħid kemm kien l-ammont fit-total tiegħu sena b'sena?

21/11/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** L-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella segwenti :

| Sena | Postijiet Mibjugħa | Sussidju Mogħti lill-Inkwilini | Prezz tal-Bejgħ |
|---|---|---|---|
| 2021 | 107 | €3,797,502 | €4,887,195 |
| 2022 | 107 | €4,431,414 | €5,127,506 |

Seduta 78
18/01/2023

**AWTORITÀ TAD-DJAR – APPLIKANTI**

**4218. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il applikant hemm quddiem l-Awtorità tad-Djar għal xiri ta' unit biex isir sid ta' daru/darha?

21/11/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa l-Awtorità tad-Djar qed tipproċessa t-talba ta' 140 applikant.

Seduta 78
18/01/2023

**COORDINATION CENTRES FIL-LIBJA – UFFIĊJALI**

**4692. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jagħti l-ismijiet u l-irwol tas-sitt uffiċjali li qed jaħdmu fil-coordination centres fil-Libja u s-salarji tagħhom għal dan ix-xogħol?

01/12/2022

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 78
18/01/2023

**PROPOSTI DWAR L-GĦAJNUNA LIL-LIBJA**

**4693. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jagħti summary tal-proposti ta' Malta lill-Kummissjoni Ewropea u/jew l-Unjoni Ewropea, jekk kien hemm tali proposti, b'rabta mas-sapport finanzjarju lil-Libja taħt l-artikolu 5 tal-MOU? X'kien ir-riżultat ta' dawn il-proposti?

01/12/2022

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. nterpellant li ma nistax inkun f'qagħda nwieġeb din id-domanda diment li ma jkunx speċifikat għal liema MOU mal-Libja qed issir referenza.

Seduta 78
18/01/2023

**AWTORITÀ TAD-DJAR – POSTIJIET ALLOKATI LIL ĦADDIEMA/FAMILJARI TAGĦHOM**

**4694. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm ingħataw postijiet bħala allokazzjoni tad-djar lil ħaddiema tal-Awtorità tad-Djar jew inkella lill-familjari tagħhom?

01/12/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li informazzjoni rigward familjari tal-istaff ma tinżammx.Żewġ individwi li ġew impjegati mal-Awtorità mill-2017 'l hawn ġew allokati akkomodazzjoni soċjali.

Seduta 78
18/01/2023

**AWTORITÀ TAD-DJAR – POSTIJIET ALLOKATI LIL PERSUNI SINGLE**

**4695. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm ingħataw postijiet bħala allokazzjoni tad-djar lil persuni li huma single, jiġifieri li mhumiex f'relazzjoni?

01/12/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Nitlob l-Onor. Interpellant biex jindika l-perjodu li għalih irid l-informazzjoni.

Seduta 78
18/01/2023

**AWTORITÀ TAD-DJAR – GĦAJNUNA LIL SHELTERS TAL-VJOLENZA DOMESTIKA**

**4696. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid x'għajnuna tagħti l-Awtorità tad-Djar lil shelters tal-vjolenza domestika li hawn?

01/12/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Awtorità tad-Djar tikri numru ta' residenzi lil għaqdiet volontarji li joffru servizz ta' shelter lil persuni li jkunu sofrew minn vjolenza domestika. Dawn ir-residenzi jinkrew bi prezz sussidjat.

Seduta 78
18/01/2023

**SAN ĠILJAN U PACEVILLE – PERSUNI TAĦT L-ETÀ FI STABBILIMENTI**

**4697. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3867, li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Turiżmu u li issa ġiet riferuta lilu, u jgħid il-pulizija kemm sabu persuni taħt l-età fi stabbilimenti ġewwa Paceville u San Ġiljan?

01/12/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi fil-perjodu ta' bejn l-ewwel ta' Jannar u l-aħħar ta' Diċembru 2022 il-pulizija tad-distrett ma kellhomx sitwazzjonijiet fejn sabu persuni taħt l-età f'xi stabbilimenti ġewwa Paceville u San Ġiljan.

Seduta 78
18/01/2023

**ANIMAL WELFARE OFFICERS - ĦADDIEMA**

**4862. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: B'referenza għat-tweġibiet għall-mistoqsijiet parlamentari 2811, 3428, 3643 u 3822, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija kollha u jgħid min hi l-persuna li tpoġġiet tmexxi din it-taqsima u xi kwalifiċi għandha? Jista' jgħid ma' liema dipartiment suppost hija impjegata din il-persuna? Jista' jgħid b'mod speċifiku kemm hemm Animal Welfare Officers f'din it-taqsima? Jista' jgħid xi grad għandhom it-tliet ħaddiema klerikali li hemm f'din it-taqsima?

12/12/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Nixtieq ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalma ngħad fir-risposti li ngħataw għall-mistoqsijiet 2811, 3428, 3643 u 3822, din is-sezzjoni taqa' taħt ir-responsabbiltà diretta tad-direttur ta' EkoGħawdex. L-uffiċjali li jaħdmu f'din it-taqsima huma impjegati mal-Ministeru għal Għawdex jew huma impjegati tal-Community Workers Scheme. L-informazzjoni l-oħra mitluba ġiet provduta fl-erba' tweġibiet l-oħra kollha u l-grad li għandhom dawn it-tliet uffiċjali jippermetti li jsir ix-xogħol amministrattiv u klerikali kollu li jkun hemm bżonn.

Seduta 78
18/01/2023

**GĦAWDEX – KORSA TAŻ-ŻWIEMEL TA' XĦAJMA – TWAQQIGĦ TA' NUMRU TA' STALLEL**

**4863. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3630 u 3821: B'referenza għax-xogħlijiet ta' twaqqigħ ta' numru ta' stallel taż-żwiemel fil-Korsa taż-Żwiemel f'Ta' Xħajma, minħabba li ngħad li kienu f'qagħda perikoluża li iżda sal-ġurnata qabel twaqqgħu kienu għadhom qed jintużaw mis-sidien taż-żwiemel biex fihom ipoġġu ż-żwiemel tagħhom qabel u wara t-tiġrijiet, jista' l-Ministru jgħid dan ix-xogħol kienx kopert bil-permessi tal-Awtorità tal-Ippjanar permezz ta' applikazzjoni ta' Dangerous Structures (DS) u jekk iva, iqiegħed kopja ta' dan il-permess fuq il-Mejda tal-Kamra? Jista' jgħid min għamel dan ix-xogħol ta' twaqqigħ, kif intgħażel u kemm ġie jiswa?

12/12/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel referenza għall-informazzjoni li ngħatat fil-mistoqsija parlamentari 3630 fejn diġà tajtu l-ispjegazzjoni mitluba rigward it-tneħħija tal-periklu. It-tneħħija tal-periklu saret taħt s-superviżjoni ta' perit tal-Ministeru għal Għawdex, filwaqt li l-eżekuzzjoni saret mill-Awtorità kkonċernata.

Seduta 78
18/01/2023

**RZIEZET TA' NGĦAĠ U/JEW MOGĦOŻ REĠISTRATI**

**4864. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm irziezet tan-nagħaġ u/jew mogħoż reġistrati f'Għawdex? Jista' jagħti kemm hemm minn dawn l-irziezet f'kull lokalità f'Għawdex? Jista' jgħid kemm huwa n-numru ta' nagħaġ u/jew mogħoż li kull wieħed minn dawn l-irziezet jista' jżomm?

12/12/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi f'Għawdex hemm 403 irziezet liċenzjati tan-nagħaġ u 223 razzett liċenzjat tal-mogħoż skont it-tabella segwenti.

| **Irziezet tan-Nagħaġ** | **Lokalità** | **Irziezet tal-Mogħoż** | **Lokalità** |
|---|---|---|---|
| | GOZO | | **Gozo** |
| 8 | Fontana | 7 | Fontana |
| 26 | Għajnsielem | 10 | Għajnsielem |
| 26 | Għarb | 6 | Għarb |
| 9 | Għasri | 6 | Għasri |
| 25 | Kerċem | 15 | Kerċem |
| 1 | Marsalforn | 2 | Marsalforn |
| 12 | Munxar | 8 | Munxar |
| 68 | Nadur | 30 | Nadur |
| 24 | Qala | 14 | Qala |
| 8 | San Lawrnez | 5 | San Lawrenz |
| 30 | Sannat | 20 | Sannat |
| 38 | Rabat | 24 | Rabat |
| 52 | Xagħra | 27 | Xagħra |
| 64 | Xewkija | 43 | Xewkija |
| 12 | Żebbuġ | 6 | Żebbuġ |
| **403** | | **223** | |

Seduta 78
18/01/2023

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – LISTA TA' DIRECT ORDERS**

**4865. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4041 u jgħid meta ġew ippubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern il-listi ta' Direct Orders dipartimentali mogħtija mid-direttorati u diviżjonijiet fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex bejn l-1 ta' Jannar 2021 u l-31 ta' Ġunju 2021 u bejn l-1 ta' Lulju 2019 u t-30 ta' Diċembru 2021 skont l-Artikolu 111(2) tar-Regolamenti tal-2016 dwar il-Kuntratti Pubbliċi? Jista' jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' dawn il-listi?

12/12/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tiġi ppubblikata perjodikament fuq il-gazzetta tal-Gvern. Qed inpoġġi kopji fuq il-Mejda tal-Kamra, imma għal darb'oħra ninforma lill-Onor. Interpellant li din l-informazzjoni jista' jsibha online u b'hekk niffrankaw kemm il-ħin kif ukoll il-karti.

Seduta 78
18/01/2023

**GĦAWDEX – SKEJJEL PRIMARJI TA' KERĊEM, ŻEBBUĠ, GĦARB U DIVERSI SKEJJEL OĦRA – XOGĦOL TA' TISBIĦ U MODERNIZZAR**

**4866. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3647 u 4088 u jgħid matul is-sena 2022 sal-lum kemm kienet in-nefqa:

a. fuq it-tisbiħ u modernizzar tal-Iskola Primarja ta' Kerċem;
b. fuq it-tisbiħ u modernizzar tal-Iskola Primarja taż-Żebbuġ;
ċ. fuq it-tisbiħ u modernizzar tal-Iskola Primarja tal-Għarb;
d. fuq it-tisbiħ ta' diversi faċċati ta' diversi skejjel f'Għawdex?
F'kull każ, jista' jagħti data meta se jkun lest ix-xogħol?

12/12/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru għal Għawdex minn l-elezzjoni 'l hawn ingħata r-responsabbiltà tal-iskejjel f'Għawdex.
Preżentament għaddejjin xogħlijiet maġġuri fuq l-iskola primarja l-ġdida tar-Rabat, Għawdex b'investiment kapitali ta' aktar minn €16-il miljun u kif ukoll fl-iskola primarja tan-Nadur fejn ninsab ċert li jaf x'jikkonsistu x-xogħlijiet u li fuq din l-iskola qed jiġu investiti mal-ħames miljun Ewro .
Kif għamilna suċċess fil-qasam tal-infrastruttura ta' gżiritna wara ħamsa u għoxrin sena ta' telqa minn Gvern Nazzjonalista, hekk sa ngħamlu wkoll fejn jidħlu l-iskejjel tagħna fejn dawn ukoll wara ħamsa u għoxrin sena ġew mitluqa taħt Gvern Nazzjonalista.

Seduta 78
18/01/2023

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – ĦADDIEMA FI GRAD MEDIKU**

**4867. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4042 u jgħid kemm kien hemm impjegati mediċi (Allied Health Practitioner, Senior ECG technician, Enrolled Nurse, Nursing Aide, Health Assistant eċċ.) impjegati fuq il-kotba tal-Ministeru, u fejn qed jaħdmu, maqsuma sena b'sena mis-sena 2013 sad-data meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid kemm kien hemm minn dawn il-ħaddiema li bla ma ħarġet sejħa, inqalbu minn grad Mediku għal grad Industrijali jew Tekniku? Jista' jispjega x'inhu l-proċess biex wieħed jaqleb minn grad Mediku għal grad Tekniku jew Industrijali mingħajr ma toħroġ sejħa?

12/12/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qed tingħata fit-tabella li qed npoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 78
18/01/2023

**NEGOZJI B'TENDER MAL-GVERN – IMPJEGATI - TRANSFERS**

**4967. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, jgħid x'azzjoni qed issir biex ikun żgurat li jekk ikun hemm trasferiment ta' negozju b'tender tal-Gvern, l-impjegati kollha jiġu trasferiti bl-istess paga, kundizzjonijiet tax-xogħol u sinjorità?

30/12/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li d-Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali jsegwi l-proċess ta' kull trasferiment ta' negozju li jiġi reġistrat mal-istess Dipartiment sabiex ikun żgurat li l-provedimenti kkontemplati fil-liġi li tirregola trasferiment ta' negozju jiġu osservati u li l-kundizzjonijiet ta' impjieg ma jiġux mittiefsa.

Seduta 78
18/01/2023

**IMPJEGATI – TRANSFERS**

**4968. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jikkonferma li ebda impjegat ma ġie trasferit lill-employer ġdid bl-istess kundizzjonijiet jew xogħol minħabba trasferiment ta' negozju fir-rigward ta' xi tender tal-Gvern li biddel l-employer li rebaħ l-offerta?

30/12/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 78
18/01/2023

**IMPJEGATI – TRANSFERS**

**4969. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru permezz tas-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali jikkonferma li ebda impjegat ma ġie trasferit lill-employer ġdid bl-istess kundizzjonijiet jew xogħol minħabba trasferiment ta' negozju fir-rigward ta' xi tender tal-Gvern li biddel l-employer li rebaħ l-offerta?

30/12/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Liġi tax-Xogħol, Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta tirregola Trasferiment ta' Negozju u tistipula li meta impjegat jiġi trasferit, dan għandu jiġi trasferit bl-istess kundizzjonijiet ta' xogħol.

Seduta 78
18/01/2023

**ĦADDIEMA IMPJEGATI FI STRUTTURI GOVERNATTIVI U S-SETTUR PUBBLIKU - PAGI**

**4970. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk kull impjegat li jaħdem fi ħdan l-istrutturi governattivi u s-settur pubbliku u li jagħmel l-istess xogħol fl-istess post tax-xogħol, jitħallasx l-istess paga?

30/12/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 78
18/01/2023

**ĦADDIEMA IMPJEGATI FI STRUTTURI GOVERNATTIVI U S-SETTUR PUBBLIKU - PAGI**

**4971. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, jgħid jekk kull impjegat li jaħdem fi ħdan l-istrutturi governattivi u s-settur pubbliku u li jagħmel l-istess xogħol fl-istess post tax-xogħol, jitħallasx l-istess paga?

30/12/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex ikun aktar speċifiku fil-mistoqsija tiegħu.

Seduta 78
18/01/2023

**AIRMALTA GROUND HANDLING – ĦADDIEMA SEKONDATATI U ĦADDIEMA LI RTIRAW KMIENI U VOLONTARJU**

**4972. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm impjegati fl-Air Malta Ground Handling ġew issekondati, kemm ingħataw irtirar kmieni u kemm irtiraw volontarju? Jista' jgħid ukoll kemm hemm ħaddiema mal-kumpanija l-ġdida tal-ground handling mqabbda mal-Air Malta u jekk dawn għandhomx jiżdiedu u b'kemm?

30/12/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi n-numru ta' ħaddiema fl-Air Malta Ground Handling li applikaw għall-Iskema ta' Trasferiment tal-Impjegati Volontarji (VETS), li kienet tnediet f'Jannar 2022, kien ta' 339.

Minn dawn 159ingħataw xogħol ieħor filwaqt li 180ingħataw irtirar voluntarju kmieni. Il-kumpanija Aviation Services Handling Services Limited mistennija timpiega madwar 110 full-time employees (FTEs).
M'hemm l-ebda eks ħaddiema tal-Air Malta Ground Handling li ġew impjegati minn Aviation Services Handling Services Limited.

Seduta 78
18/01/2023

**ELECTROGAS MALTA LTD. – GAS SUPPLY AGREEMENT**

**5109. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk għandhiex il-ħsieb li tittermina l-Gas Supply Agreement mal-Electrogas Malta Limited, kif inhu permissibbli li jsir skont il-ftehim viġenti, sa qabel April 2026?

10/01/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Il-politika ta' dan il-Gvern hija l-politika ta' stabbilità mhux politika li kellu Gvern Nazzjonalista li tesponi lill-familji u lin-negozji għall-piżijiet.

Seduta 78
18/01/2023

**STAFF KLERIKALI TAL-GVERNIJIET LOKALI – COLLECTIVE AGREEMENT**

**5110. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk għandux ħsieb illi jerġa' jiftaħ sabiex jinnegozja l-collective agreement għall-istaff klerikali tal-Gvernijiet Lokali li skada fl-2016 u ma reġax ġie mġedded? Jista' jgħid jekk għandux ħsieb illi jgħolli l-pagi tal-istaff klerikali? Jista' jgħid jekk hux qed isir xi ħaġa dwar dan u jekk hemmx negozjati għaddejjin?

10/01/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat illi għal sentejn sħaħ kienu għaddejjin taħdidiet bejn il-management(l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bl-assistenza tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali u l-Industrial Relations Unit fi ħdan l-OPM) u il-UĦM (f'isem il-ħaddiema klerikali tal-kunsilli lokali). Dawn id-diskussjonijiet kienu waslu fi stadju avvanzat ħafna fejn kien għad jonqos qbil fuq il-pakkett finanzjarju.

Infurmat illi l-aħħar laqgħa li saret bejn il-partijiet kienet fit-3 ta' Settembru 2019, liema laqgħa ġiet aġġornata għat-23 ta' Ottubru 2019. *In oltre*, infurmat li wara l-laqgħa ta' Settembru 2019 ma saru l-ebda laqgħat oħra u meta l-management talab lill-UĦM biex id-diskussjonijiet jitkomplew, ma kien hemm l-ebda rispons.

Ninsab infurmat ukoll li l-management għandu kull interess li jsir il-Ftehim Kollettiv il-ġdid għall-impjegati klerikali tal-kunsilli lokali sabiex dawn itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom u wkoll sabiex il-kariga ta' ħaddiem klerikali ma' kunsill lokali tkun waħda attraenti.

Intant ninforma wkoll lill-Onor. Interpellant li fil-frattemp, saru l-emendi leġiżlattivi kollha neċessarji illi jippermettu li dawn il-pożizzjonijiet ta' natura klerikali jimtlew.

Seduta 78
18/01/2023

**MARSAXLOKK FC – APPLIKAZZJONI NRU PA 8310/21**

**5111. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk dwar l-applikazzjoni għall-proġett ta' Marsaxlokk, li ġġib in-numru PA 8310/21, il-klabb ta' Marsaxlokk FC ingħatax il-permess mill-Commercialisation Unit tal-Ministeru fl-affermattiv? Jista' jindika meta saret it-talba mill-klabb u meta nħareġ dan il-permess għall-commercialisation?

10/01/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-klabb imsemmi applika fit-30 t'Awwissu tas-sena 2021. Bħalissa għadu għaddej il-proċess ta' valutazzjoni u analisi mill-entitajiet konċernati.

Seduta 78
18/01/2023

**MFSA – KAPIJIET EŻEKUTTIVI - HANDOVER**

**5116. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk fil-passat, minn mindu twaqqfet l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA), qatt saritx handover minn Kapijiet Eżekuttivi passati? Min kienu? Kemm damu biex jagħtu handover u kemm tħallsu wara li tħabbret ir-riżenja tagħhom u allura fil-perjodu li fih kienu qed jagħtu handover?

10/01/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-uniku Kap Eżekuttiv tal-Awtorità qabel is-Sur Joseph Gavin kien is-Sur Joseph Cuschieri.
Is-Sur Cuschieri rriżenja immedjatament mill-kariga tiegħu f'Novembru tal- 2020 u fiċ-ċirkostanzi ma kienx hemm handover qabel jew wara r-riżenja.

Seduta 78
18/01/2023

**AUM - BENEFIĊĊJI GĦALL-ISTUDENTI MINN SPONSORSHIPS**

**5117. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm talba formali mill-American University of Malta (AUM) biex studenti li japplikaw mal-AUM ikunu jistgħu jibbenefikaw minn sponsorships maħruġin mill-Ministeru għall-Edukazzjoni?

10/01/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s'issa għad ma kienx hemm talba uffiċjali biex studenti jibbenefikaw minn sponsorships.

Seduta 78
18/01/2023

**AWTORITÀ TA' MALTA TAL-EDUKAZZJONI AVVANZATA U OGĦLA – GĦOTI TA' LIĊENZJA LILL-AUM**

**5118. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm kriterji speċifiċi li l-Awtorità ta' Malta tal-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (MFHEA) għamlet lill-American University of Malta (AUM), biex din tkun tista' tingħata l-liċenzja ħalli topera f'pajjiżna? Jekk iva, jista' jgħid x'kienu dawn il-kriterji?

10/01/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kull liċenzja li tinħareġ biex stituzzjoni topera minn Malta, tinkludi wkoll lista ta' kriterji.

Seduta 78
18/01/2023

**ĦAL GĦAXAQ – BENEFIĊĊJARJI TA' PENSJONIJIET**

**5172. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4463 u jgħid kemm hemm persuni residenti Ħal Għaxaq qed jibbenefikaw minn xi f,orma ta' pensjoni u jistax jindika s-sess tal-istess?

12/01/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 78
18/01/2023

**INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - LAQGĦAT IN KONNESSJONI MAX-XOGĦOL MINISTERJALI**

**5173. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il darba attenda laqgħat barra minn pajjiżna in konnessjoni max-xogħol Ministerjali tul is-sena li għaddiet? Jista' jgħid ukoll min akkumpanjah u kemm kienu l-ispejjeż relattivi tal-vjaġġ u l-akkomodazzjoni?

12/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-informazzjoni mitluba qiegħda titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 78
18/01/2023

**MINISTRU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - LAQGĦAT IN KONNESSJONI MAX-XOGĦOL MINISTERJALI**

**5174. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il darba attenda laqgħat barra minn pajjiżna in konnessjoni max-xogħol Ministerjali tul is-sena li għaddiet? Jista' jgħid ukoll min akkumpanjah u kemm kienu l-ispejjeż relattivi tal-vjaġġ u l-akkomodazzjoni?

12/01/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Tlabt sabiex it-tagħrif jinġabar.

Seduta 78
18/01/2023

**QORTI - MANDATI KAWTELATORJI U EŻEKUTTIVI**

**5175. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew preżentati mandati kawtelatorji u eżekuttivi fil-Qrati ta' pajjiżna tul is-sena li għaddiet?

12/01/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi matul is-sena li għaddiet ġew ippreżentati 1399 Mandati Kawtelatorji u 1526 Mandanti Eżekuttivi, kif elenkat fit-tabella hawn taħt:

| | **Mandati Kawtelatorji** | **Mandati Eżekuttivi** |
|---|---|---|
| Qorti Ċivili Prim Awla | 672 - 224 minnhom Mandat ta' Inibizzjoni | 316 |
| Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) | 13 | 19 |
| Bord Li Jirregola l-Kera | 46 - 6 minnhom Mandat ta' Inibizzjoni | 30 |
| Bord Dwar il-Kontroll tar-Raba | nil | 2 |
| Qorti Ċivili (Sezzjoni Kummerċ) | 4 - 2 minnhom Mandat ta' Inibizzjoni | nil |
| Qorti tal-Maġistrati (Ċivili) | 652 - 2 minnhom Mandat ta' Inibizzjoni | 1148 |
| **Total (Malta)** | **1387** | **1515** |
| | | |
| | | |
| | **Mandati Kawtelatorji** | **Mandati Eżekuttivi** |
| Qorti Ċivili Prim Awla | 6 | 1 |
| Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) | 2 | nil |
| Bord li Jirregola l-Kera | nil | 1 |
| Qorti tal-Maġistrati (Ċivili) | 4 | 9 |
| **Total (Għawdex)** | **12** | **11** |

Seduta 78
18/01/2023

**QORTI – RIKORSI TA' DIVORZJU**

**5176. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew preżentati rikorsi ta' divorzju fil-Qrati ta' pajjiżna tul is-sena li għaddiet? Jista' jgħid kemm minnhom għadhom pendenti u kemm ġew deċiżi?

12/01/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul is-sena li għaddiet fil-Qrati ta' Malta ġew preżentati 524 kawżi ta' divorzju illi minnhom 161 għadom pendenti u 363 ġew deċiżi. Fil-Qrati ta' Għawdex ġew ippreżentati 20 kawża ta' divorzju li 6 minnhom għadhom pendenti u 14 ġew deċiżi.

Seduta 78
18/01/2023

**MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA - LAQGĦAT IN KONNESSJONI MAX-XOGĦOL MINISTERJALI**

**5177. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il darba attenda laqgħat barra minn pajjiżna in konnessjoni max-xogħol Ministerjali tul is-sena li għaddiet? Jista' jgħid ukoll min akkumpanjah u kemm kienu l-ispejjeż relattivi tal-vjaġġ u l-akkomodazzjoni?

12/01/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 78
18/01/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR - TRIQ SAN PAWL U TRIQ PARADES - BOZOZ**

**5187. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5007 dwar bozoz mitfijin fi Triq San Pawl u Triq Parades, San Pawl il-Baħar, fejn fit-tweġiba ngħad li l-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar "dejjem jieħu azzjoni immedjata sabiex jiġu indirizzati kwalsiasi lmenti", jista' l-Ministru jgħid kif ġew indirizzati l-ilmenti dwar bozoz mitfijin fl-imsemmijin toroq hekk kif dawn il-bozoz baqgħu mitfijin wara li ġiet imwieġba din l-istess mistoqsija parlamentari u allura l-ilmenti ma ġewx indirizzati?

13/01/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar illi b'rabta mas-suġġett inkwistjoni saru diversi rapporti lill-entità kkonċernata.

Seduta 78
18/01/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR - TRIQ MARCHESA - BOZZA MWAĦĦLA MAL-FAĊĊATA TA' PROPRJETÀ**

**5188. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5006 dwar bozza mitfija fi Triq Marchesa, San Pawl il-Baħar, tista' l-Ministru tieħu l-azzjoni neċessarja sabiex terġa' tinxtegħel hekk kif din il-bozza baqgħet mitfija, filwaqt li l-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar fit-tweġiba għal din il-mistoqsija parlamentari informa sabiex din il-kwistjoni tiġi indirizzata mal-entità konċernata?

13/01/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li l-lampi kollha li hemm fi Triq Marchese u li huma reġistrati mal-Enemalta huma kollha tal-Kunsill Lokali. Infurmata wkoll li l-Enemalta m'għandha l-ebda talba pendenti dwar id-dawl pubbliku f'din it-triq. Sadanittant tajt struzzjoni lill-Enemalta tikkomunika mal-Kunsill Lokali.

Seduta 78
18/01/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR - TRIQ TONI BAJADA - BOZZA MWAĦĦLA MA' FAĊĊATA TA' PROPRJETÀ**

**5189. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5005 dwar bozza mitfija fi Triq Toni Bajada, San Pawl il-Baħar, jista' l-Ministru jgħid x'azzjoni ħa l-Kunsill Lokali hekk kif permezz tal-istess mistoqsija parlamentari ġie informat li din il-bozza tinsab mitfija?

13/01/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Filwaqt li ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar li l-ebda lment ma wasal fl-uffiċini tal-istess Kunsill dwar bozoz ma jixegħlux fit-triq imsemmija mill-Onor. Interpellant, infurmat illi l-istess Kunsill Lokali ta istruzzjonijiet lill-'Contracts Manager' tal-Kunsill biex jikkonferma liema bozza mhux qed tiffunzjona biex tittieħed l-azzjoni li jkun hemm bżonn.

Seduta 78
18/01/2023

**QAWRA – PARKEĠĠ TA' TAĦT L-ISKOLA**

**5190. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar x'passi ħa l-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar biex ikun jista' jibda jopera parti mill-parkeġġ ta' taħt l-iskola tal-Qawra minn mindu l-istess kunsill iffirma l-ftehim dwar dan l-istess parkeġġ? Meta mistenni jibda jintuża dan il-parkeġġ?

13/01/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar illi għadha kemm saret konferenza stampa mis-Sindku tal-istess Kunsill fejn ingħad illi hemm bosta stadji li jeħtieġu li jgħaddu qabel il-parkeġġ ikun adegwatament sigur sabiex jinfetaħ għall-pubbliku, skont kif jiddettaw il-liġijiet tal-pajjiż.

*In oltre*, infurmat illi għad trid tiġi mħejjija Bye-Law li tirregola l-użu tal-istess parkeġġ mill-pubbliku u mir-residenti ta' San Pawl il-Baħar, u li din trid tgħaddi mill-proċess ta' approvazzjoni għall-bye-laws sabiex din tkun tista tidħol fis-seħħ.

Infurmat illi l-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar jinsab għaddej bil-proċess biex dan isir.

Seduta 78
18/01/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR – TRIQ IX-XAGĦRA TAL-BANDIERI – DAWL PUBBLIKU**

**5195. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tinvestiga x'inhi r-raġuni għala d-dawl pubbliku fi Triq ix-Xagħra tal-Bandieri, San Pawl il-Baħar, qiegħed jintefa' f'ċertu ġranet, filwaqt li tieħu l-azzjoni neċessarja biex id-dawl pubbliku jibqa' mixgħul matul il-lejl kollu?

13/01/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Infurmata li l-Enemalta għamlet it-tiswijiet meħtieġa f'din it-triq fejn instab contacter bil-ħsara u ġie mibdul.

Seduta 78
18/01/2023

**IL-MELLIEĦA, L-IMĠARR, IN-NAXXAR U SAN PAWL IL-BAĦAR – TNEĦĦIJA TA' KAROZZI ABBANDUNATI**

**5196. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-każijiet ta' karozzi abbandunati li tneħħew minn fejn kienu matul l-aħħar 12-il xahar, fil-lokalitajiet tal-Mellieħa, l-Imġarr, in-Naxxar u San Pawl il-Baħar separatament għal kull lokalità? Fejn tpoġġew dawn l-istess karozzi wara li tneħħew?

13/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi matul l-aħħar 12-il xahar, u ċjoè bejn 1 ta' Jannar 2022 u l-31 ta' Diċembru 2022, kien hemm sitt każi fejn karozzi abbandunati li effettivament tneħħew mill-Pulizija minn fejn kienu fil-lokalitajiet riferuti mill-Onor. Interpellanta. Kull waħda minn dawn il-karozzi ttieħdet fil-kumpless ġewwa ta' Kandja.

Seduta 78
18/01/2023

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMA U L-UGWALJANZA - REMOTE WORKING**

**5208. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk ħaddiema mal-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, jistgħux ikomplu jaħdmu permezz ta'remote working?

13/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi wara kull terminu ta' kull kuntratt, l-arranġamenti għar-remote working jiġu reveduti skont il-ħtieġa fuq il-bażi li jkun hemm bilanċ bejn id-dmirijiet u l-ħtiġijiet tal-uffiċjali, kif ukoll li jintlaħqu l-obbligi tad-Dipartimenti u s-servizz li jrid jingħata.

Seduta 78
18/01/2023

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMA U L-UGWALJANZA - TELEWORKING**

**5209. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk ħaddiema mal-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, jistgħux ikomplu jaħdmu permezz ta' teleworking?

13/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-PQ 5208.

Seduta 78
18/01/2023

**ĦAL QORMI - MONTI**

**5210. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5016 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet u li issa ġiet riferuta lilu u jgħid jekk hemmx ħsieb li l-monti, li kull nhar ta' Sibt jarma f'Ħal Qormi, jiġi rilokat għal żona oħra? Jekk iva, jista' jgħid fejn se jiġi rilokat?

13/01/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi illi minkejja diversi tentattivi li kienu saru fil-passat mill-Kunsill Lokali sabiex il-Monti jiġi rilokat, il-Kunsill Lokali dejjem sab oġġezzjoni għall-proposti mressqa minn l-entità kkonċernata.

Infurmat illi l-istess Kunsill lest jiddiskuti mal-Ministeru kkonċernat rigward ir-rilokar tal-Monti li jintrama fiċ-ċentru tal-lokalità.

Seduta 78
18/01/2023